MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Mandat Numru. 1512/2013/1

**Fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1512/2013 JZM fl-ismijiet :**

**Carmen Camenzuli (KI 500755M)**

***kontra***

**Joseph Vella (KI 609247M) iben Anthony u Rita nee` Galea, residenti Blk B Flt 2, Triq il- Ganfra, Mgarr**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-3 ta' Ottubru 2013 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

*Ikompli jahdem raba` u jidhol fl-imsemmi raba` peress li dan ir-raba` maghruf bhala "Irdum tal-Lunzjata" (porzjon 10 u 11) fil-kontrada tal-Lunzjata Rabat huwa mqabbel lir-rikorrenti u bl-agir tal-intimat hija qed tkun prekluza milli tahdem ir-raba` taghha.*

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Ottubru 2013 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat b`ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2013 fit-8.30 a.m.

Rat li fid-9 ta` Ottubru 2013, l-intimat kien notifikat bir-rikors promotorju u bid-digriet tat-3 ta` Ottubru 2013.

Rat ir-risposta li l-intimat pprezenta fis-16 ta` Ottubru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-dokumenti li l-intimat pprezenta flimkien mar-risposta tieghu.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2013.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Anthony Vella.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2013 fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Skond l-**<u>Art 873(1) tal-Kap 12</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**<u>Art 873(2) tal-Kap 12</u>** –

*Il-Qorti **<u>m'ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Sabiex jikseb il-hrug ta` mandat ta` din ix-xorta, ir-rikorrent huwa fl-obbligu li jaghmel il-prova ta` zewg rekwiziti. Fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi u fit-tieni lok irid jidher "*mad-daqqa t`ghajn"* (*prima facie*) li r-rikorrent ghandu dawk il-jeddijiet.

Minn kliem il-ligi stess, **<u>iz-zewg elementi huma kumulattivi, mhux alternattivi</u>**, u kwindi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-mandat. Tajjeb jinghad li l-procedura hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan tal-lum kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.

Min-natura tieghu, il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali **<u>eccezzjonali</u>** ta' provvediment legali. Il-

harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, **il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli**. Dan ma jfissirx li l-fatt li tintlaqa` talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, allura jkun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dan ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. L-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa li tistabilixxi jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef **darba ghal dejjem** jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li ressaq it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

**Ikkunsidrat** :

**III. Fatti**

Abbazi tal-atti nkluzi dokumenti li l-partijiet pprezentaw f`dan il-procediment, kif ukoll fl-isfond tax-xiehda ta` Anthony Vella (li jigi hu z-zewg kontendenti) u fid-dawl tas-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2013, irrizultaw dawn il-fatti :

1) Fis-6 ta` Awissu 2013, l-Ufficcju Kongunt irrikonoxxja bil-miktub (ara Dok CC1 a fol 19) lir-rikorrenti bhala *gabillotta tar-raba`* maghruf bhala "Irdum tal-Lunzjata", porzjon 10 u 11, kontrada tal-Lunzjata, Rabat, Malta, *kif suggett ghar-rata tieghu ta` qbiela ta` €25.62 fis-sena.* Fl-ittra ta` rikonoxximent, il-Gvern ta` Malta fisser ir-ragunijiet li wassluh sabiex jaghti dak ir-rikonoxximent.

2) L-ittra ta` rikonoxximent kienet ikkopjata lill-intimat u lil Anthony Vella, li xehed fil-procediment tal-lum. Skond ma jinghad fl-istess ittra, Anthony Vella u omm il-kontendenti Rita Vella *ggiraw kwalsiasi drittijiet lokatizji li huma kellhom fuq l-imsemmi raba`* a favur tar-rikorrenti

bis-sahha ta` att li ghamlu fid-9 ta` Ottubru 2010 quddiem in-Nutar Myriam Spiteri Debono.

3) Kienet prezentata kopja ta` dan l-att fejn jinghad *inter alia* illi Rita Vella u Anthony Vella kellhom il-qbiela tar-raba` in kwistjoni u bis-sahha ta` l-att iddikjaraw li kienu *qeghdin icedu a favur tal-komparenti Carmen Camenzuli li tigi bint u l-oht rispettivament li taccetta u dan b`mod gratwit u bla ebda kumpens id-drittijiet kollha li huma ghandhom jew li jista` jkollhom* fuq ir-raba` in kwistjoni.

4) Kienet ipprezentata kopja ta` ittra datata 5 ta` Lulju 2010 (fol 27) li l-Ufficcju Kongunt baghat lil Rita Vella fejn *inter alia* jinghad illi *ricentement dan l-Ufficcju ircieva skrittura privata datata 11 ta` Settembru 2008 fejn Rita Vella ttrasferiet il-jeddijiet ta` qbiela taghha fuq il-porzjon 12, kontrada tal-Lunzjata, fuq binha Joseph Vella, izda mneta tlabna verifika dwar il-porzjon art li riedet tigi ttrasferita (minhabba li skond ir-rekords taghna Rita Vella ghandha mqabblin ghandha l-porzjonijiet 10 u 11) gejna nfurmati illi s-Sinjura Vella qatt ma riedet tittrasferixxi xi parti mill-qbiela taghha.*

5) L-iskrittura tal-11 ta` Settembru 2008 bejn Rita Vella u l-intimat kienet esebita wkoll.

6) L-intimat qieghed jikkontesta t-titolu tar-rikorrenti, ghax qed ighid illi ilu erbghin (40) fil-pussess u jahdem ir-raba` in kwistjoni, bil-maqlub tar-rikorrenti li qatt ma hadmet ir-raba`. Isostni li ghandu jedd jibqa` jmur u jahdem ir-raba` in kwistjoni, nonostante dak li tghid l-ittra tas-6 ta` Awissu 2013.

7) Kienu istitwiti proceduri kriminali kontra l-intimat fejn kien mixli *inter alia* bi ksur tal-Art 85 tal-Kap 9 fi zminijiet differenti. Kienu esebiti zewg sentenzi – wahda

tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tat-23 ta` April 2013 u ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta` Jannar 2013 – fejn l-intimat instab hati tal-akkuzi dedotti kontrih u fiz-zewg kazi kien immultat.

**Ikkunsidrat** :

## IV. Risultanzi

Il-Qorti sejra tqis **l-ewwel rekwizit** fil-kuntest tat-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **"Grech pro et noe vs Manfre`** il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar l-ewwel rekwizit –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Abbazi tal-fatti, ir-rikorrenti ghandha jedd certament *prima facie* ghar-raba` in kwistjoni ; dan il-jedd jirrizulta principalment mid-dokumenti a fol 19 u a fol 41 tal-process.

**L-ewwel rekwizit huwa ghalhekk sodisfatt.**

Nigu issa ghat-**tieni rekwizit**.

Il-Qorti diga` rrilevat illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta' provvediment legali.

Il-Qorti hija **<u>prekluza</u>** milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk minghajr dak il-Mandat il-jedd ma jitnehhiex darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li r-rikorrenti hadet azzjoni kriminali kontra l-intimat.

**Fil-kuntest tat-<u>tieni</u> rekwizit, il-Qorti sejra taghmel riferenza ghall-<u>Art 85 tal-Kap 9 kif emendat bl-Att XVI tal-2006</u>.**

Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur :*

*Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.*

***(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.***

L-**<u>Art 377(5) tal-Kap 9</u>** jaqra hekk –

*Il-qorti għandha, fuq rikors f'dak is-sens mill-Pulizija f'kull żmien wara li persuna tkun instabet ħatja ta' reat f'każ ta' raġuni li tinħoloq wara jew, fi kull każ ieħor, wara li jgħaddi ż-żmien mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (3) jew (4), tawtorizza lill-Pulizija biex tneħħi kull disordni jew inkonvenjent li għalih ikun jirriferixxi r-reat għas-spejjeż tal-ħati, f'liema każ il-ħati jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispiża b'mandat maħruġ mill-istess qorti.*

Il-Qorti tghid li r-rikorrenti ghandha rimedji **ordinarji** ta` natura penali u ta` natura civili li jibqghu **ntatti** anke jekk il-Qorti ma tilqax it-talba taghha ghall-hrug tal-Mandat. Jispetta lir-rikorrenti li tirrikorri ghalihom bis-shih. Dak tal-lum mhuwiex kaz fejn il-ħsara li abbazi taghha r-rikorrenti ressqet l-ilment taghha hija wahda tali li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-ilment tar-rikorrenti jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat (ara l-provvediment ta` din il-Qorti **PA/AM** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe**")

**Fl-isfond tal-premess, il-Qorti ssib li r-rikorrenti ma ssodisfatx it-tieni rekwizit.**

Ladarba mhumiex sodisfatti z-zewg elementi **flimkien** ma jistax jinhareg Mandat ta' Inibizzjoni skond l-Art 873 tal-Kap 12.

**Għar-ragunijiet premessi, il-Qorti qegħda tipprovdi hekk –**

**1) Tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-3 ta` Ottubru 2013 safejn kienet laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrenti.**

**2) Tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat.**

**3) Tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------